## Pjan Ewropew għall-Plastik

*Artiklu miktub minn Mark Abdilla – Uffiċjal Esekuttiv, MEUSAC*
*Ippubblikat fil-ġurnal L-Orizzont – 05.02.18*

Il-Kummissjoni Ewropea riċentament adottat pjan ġdid maħsub biex ikompli jnaqqas it-tniġġis tal-ambjent ta' madwarna. L-għan prinċipali ta' dan il-pjan hu li jipproteġi l-ambjent mit-tniġġis li jġib miegħu r-rimi tal-plastik.

Huwa stmat li ċ-ċittadini Ewropej jarmu kull sena madwar 25 miljun tunnellata ta' plastik. Dan ifisser li ras għal ras, iċ-ċittadini Ewropej jarmu mal-50 kilogramm ta' plastik fis-sena. Minn dan l-ammont kollu, 30% biss jiġi rriċiklat. Madwar id-dinja, 85% tal-iskart li jintrema fil-bajjiet huwa plastik, li l-biċċa l-kbira minnu jispiċċa fil-baħar. Din hi problema kbira, għaliex il-plastik idum is-snin, kultant anki mijiet ta' snin biex jiddikomponi meta dan ma jkunx riċiklat.

Il-pjan imħabbar mill-Kummissjoni Ewropea jfittex li jindirizza dawn il-problemi billi joħloq diversi miri għall-Istati Membri tal-UE li għandhom iwasslu sabiex ir-riċiklaġġ, waqt li jsalva l-ambjent mill-ħsara li qed issirlu, isir attività li tħalli l-qligħ lin-negozji u jwassal għal iktar investiment u innovazzjoni fis-settur tar-riċiklaġġ.

Il-mira ewlenija hi li sas-sena 2030, l-ippakkjar kollu tal-plastik ikun jista' jerġa' jintuża, jew inkella jkun riċiklat. Il-mira għar-riċiklaġġ tal-ippakkjar magħmul mill-plastik hi ta' 55% sal-2030. Il-pjan jesiġi wkoll li l-Istati Membri jnaqqsu l-konsum ta' boroż u basktijiet tal-plastik billi jassiguraw li l-ebda persuna ma tuża iktar minn 90 basket tal-plastik fis-sena sal-2019, u mhux iktar minn 40 basket tal-plastik sal-2026.

Il-pjan jirreferi wkoll għall-prodotti magħmulin mill-plastik. Il-plastik li jintuża f'dawn il-prodotti għandu jkun manifatturat b'tali mod li jservi fit-tul, ikun jista' jissewwa u riċiklabbli. Dan il-miżura għandha tgħin sabiex ittawwal il-ħajja tal-prodotti magħmulin mill-plastik fl-ekonomija, u għalhekk tagħmel dawn il-prodotti iktar sostenibbli. L-Istati Membri wkoll se jkunu obbligati li jnaqqsu l-iskart marittimu, u li jistabbilixxu metodi biex ikunu jistgħu jkejlu l-progress f'dan is-settur.

Il-pjan Ewropew għall-plastik jifforma parti integrali mill-pjan usa' msejjaħ Ekonomija Ċirkolari, li kienet ġiet proposta mill-Kummissjoni Ewropea fl-2015. Il-mira prinċipali tal-Ekonomija Ċirkolari hi li tgħin in-negozji u l-konsumaturi jużaw ir-riżorsi tagħhom b'mod iktar effiċjenti u sostenibbli. Dan billi l-konsumaturi u n-negozji jiġu mħeġġa jġeddu, jsewwu u jirriċiklaw prodotti u riżorsi. Dan iwassal biex il-prodotti jdumu jiċċirkolaw iktar fl-ekonomija, u jitnaqqas l-użu ta' materjali u riżorsi li jintużaw biex jagħmlu prodotti ġodda.

Biex inizjattivi favur l-ambjent li tniedi l-UE jiġu implimentati, jinħtieġ sforz minn dawk kollha li jistgħu jikkontribwixxu biex kemm jista' jkun titnaqqas il-mentalità ta' 'uża u armi' u tidħol aktar dik ta' 'uża u erġa' uża'.

Il-MEUSAC hu impenjat li jiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn entitajiet tal-gvern responsabbli mill-implimentazzjoni f'Malta ta' inizjattivi bħal dawn u għaqdiet mhux governattivi, b'mod speċjali l-għaqdiet li jaħdmu fil-qasam tal-ambjent. Fis-snin li għaddew u fis-snin li ġejjin, il-MEUSAC organizza u ser jorganizza diversi laqgħat ta' konsultazzjoni fuq suġġetti li jolqtu dan is-settur. Dawn il-laqgħat jinkludu suġġetti bħall-Ekonomija Ċirkolari, l-użu tal-boroż tal-plastik, kif ukoll l-iskart u l-użu sostennibbli tal-ilma. Iktar tard din is-sena, il-MEUSAC se jkun ukoll qed jiddiskuti wkoll il-Pjan Ewropew għall-Plastik.

Barra minn hekk, il-MEUSAC juża wkoll il-mezzi ta' komunikazzjoni u jorganizza attivitajiet biex ixerred aktar l-għarfien dwar inizjattivi tal-UE favur l-ambjent. Is-sajf li għadda, pereżempju, b'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi li jorganizzaw Skolasajf, uffiċjali tal-MEUSAC organizzaw numru ta' attivitajiet li permezz tagħhom qajmu kuxjenza fost mijiet ta' tfal li attendew dwar l-importanza tal-ħarsien tal-ibħra u dwar l-effetti ħżiena tar-rimi tal-plastik fil-baħar.

L-UE hija dejjem minn ta' quddiem fil-ħidma tagħha favur l-ambjent, u l-pjan dwar il-plastik jistabbilixxi passi u miżuri konkreti biex kemm l-UE, kif ukoll l-Istati Membri jsaħħu l-azzjoni favur l-interessi ambjentali għas-snin li ġejjin.